MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2038/2002

**Georgette Bugeja bhala istitrici tad-Ditta Unique**

**Vs**

**John Axisa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u erbghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm140.50) hlas dovut bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha l-provi, minn fejn irrizulta li l-ammont li ghadu dovut huwa ta' Lm130.50.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta’ l-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm130.50).

L-ispejjez kollha [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**